

Brussell, 2 ta' Mejju 2024  
(OR. en)

9370/24

ESPACE 45

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	<i>Thejġġja tal-Kunsill (Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju)) fit-23 u l-24 ta' Mejju 2024</i> II-Liġi Spazjali tal-UE: Is-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal- attivitajiet spazjali fl-UE - <i>Skambju ta' fehmiet</i>

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża nota tal-Presidenza dwar "**II-Liġi Spazjali tal-UE: is-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-attivitajiet spazjali fl-UE**" bil-ħsieb tal-iskambju ta' fehmiet fil-Kunsill Kompetittività tat-23 ta' Mejju 2024.

## **II-Liġi Spazjali tal-UE: is-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-attivitajiet spazjali fl-UE**

### **Skambju ta' fehmiet**

#### **Kuntest tal-politika**

L-attivitajiet spazjali jiffaċċjaw diversi sfidi li qed jikbru. Fost dawn, xi wħud saru aktar urġenti fiż-żminijiet reċenti u jkunu jeħtieġu azzjoni mill-Unjoni u mill-Istati Membri. Dan id-dokument għandu l-għan li jagħti qafas lill-iskambju ta' fehmiet fost il-ministri biex jaqsmu l-ħsibijiet tagħhom dwar aspetti rilevanti ta' Liġi Spazjali futura tal-Unjoni, sakemm issir proposta mill-Kummissjoni.

#### **Sfidi**

L-ewwel nett, il-konġestjoni ta' ċerti orbiti (b'mod partikolari l-orbita dinjija baxxa) iżżid ir-riskji ta' kollizzjoni, ikkawżati mill-espansjoni rapida tal-attività tal-kumpaniji privati fis-settur spazjali. Dawn il-perikli jista' jkollhom konsegwenzi serji, bħat-tfixkil tal-operazzjonijiet ta' rutina fl-orbita, ħsara u telf satellitari, l-għeluq ta' servizzi bbażati fl-ispazju (xi wħud minnhom kritiċi), u ħabtiet ma' inġenji tal-ajru mad-dħul mill-ġdid fid-Dinja. Dawn ix-xenarji fl-aħħar mill-aħħar jistgħu jwasslu biex l-orbiti ma jkunux jistgħu jintużaw mill-ġenerazzjonijiet futuri.

It-tieni, ir-riskju ta' attacchi ċibernetiċi u interferenzi elettroniċi fl-infrastruttura spazjali, amplifikat minn avvenimenti ġeopolitiċi. L-attakki ċibernetiċi, li wħud minnhom huma appoġġati mill-istat, qed jimmiraw dejjem aktar l-assi spazjali. Barra minn hekk, l-arkitettura kumplessa tal-assi spazjali (segmenti differenti li jinteraġixxu, superfiċji ta' attakk wiesa', punti multipli ta' dħul għal attakkanti potenzjali), l-obsolennza tagħhom (infrastrutturi tat-telekomunikazzjoni miruta, diffikultajiet ta' patching u tiswija), u proċessi ta' akkwist (ktajjen tal-provvista kumplessi) biddlu l-infrastruttura spazjali f'miri vulnerabbli.

Meta jiġu indirizzati dawn l-isfidi, huwa wkoll kruċjali li jitnaqqas l-impatt ambjentali tal-attivitajiet spazjali u li titnaqqas id-dipendenza fuq teknoloġiji u materja prima mhux tal-UE.

## Azzjonijiet

L-Istati Membri bdew jindirizzaw dawn l-isfidi u jippromulgaw leġislazzjonijiet spazjali biex jinkwadraw u jawtorizzaw l-attivitajiet spazjali. Illum, hdx-il Stat Membru għandhom liġijiet spazjali nazzjonali, u aktar Stati Membri jinsabu fil-proċess li jiżviluppaw liġijiet nazzjonali. Dawk il-liġijiet ivarjaw ħafna fil-portata u fil-profondità. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet li tiżviluppa Liġi Spazjali tal-UE biex tistabbilixxi regoli komuni dwar is-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-attivitajiet spazjali. Filwaqt li tirrispetta l-kompetenzi nazzjonali, il-Liġi Spazjali tal-UE tippermetti l-ħolqien ta' Suq Uniku tal-UE għall-attivitajiet spazjali.

Il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet proċess ta' konsultazzjoni kemm mal-Istati Membri kif ukoll mal-industrija, inkluż dwar il-pilastru rilevanti tal-Liġi Spazjali prevista tal-UE:

- Il-pilastru tas-sikurezza jindirizza b'mod partikolari r-riskji ta' kollizzjoni (jiġifieri, l-evitar tal-kollizzjonijiet, il-manuvrabbiltà tal-inġenji spazjali, il-pożizzjonament fl-orbita) u l-ġenerazzjoni ta' residwi spazjali (jiġifieri pjanijiet għall-mitigazzjoni tar-residwi spazjali), kemm għal-lanċjaturi kif ukoll għas-satelliti.
- Il-pilastru tar-reżiljenza jpoġġi l-valutazzjoni tar-riskji u x-xenarji tar-riskji għas-sigurtà fil-qalba tal-industrija spazjali tal-UE u jtejjeb il-livell ta' protezzjoni b'mod konsistenti għas-segmenti kollha tal-infrastruttura spazjali (segmenti tal-art, tal-ispazju u ta' kollegament).
- Il-pilastru tas-sostenibbiltà jistabbilixxi l-pedament għal regoli komuni biex tiġi kkalkulata l-impronta ambjentali tal-attivitajiet spazjali, bil-ħsieb li titnaqqas l-impronta ambjentali fit-tul.

## **Punti għad-diskussjoni**

Hemm bżonn li tissaħħaħ il-kompetittività tal-industrija spazjali Ewropea, b'mod partikolari għall-SMEs u n-negozji ġodda. Il-Liġi Spazjali tal-UE ma għandhiex tirregola żżejjed l-industrija, u lanqas ma għandha tapplika bl-istess mod għall-atturi industrijali kollha u **l-proporzjonalità** għandha tkun kunsiderazzjoni ewlenija. Għandha tindirizza kemm l-operaturi tal-UE kif ukoll dawk mhux tal-UE li jixtiequ jqiegħdu servizzi bbażati fl-ispazju fis-suq uniku tal-UE, kif ukoll distorsjoni potenzjali tas-suq. Għandha tipprovdi benefiċċji ċari għall-industrija, bħas-simplifikazzjoni amministrattiva, kundizzjonijiet ekwi, livelli mtejbja ta' protezzjoni, u stabbiltà biex jiġi attirat l-investment. Ir-rekwiżiti obligatorji għandhom japplikaw ukoll b'mod proporzjonat. Il-Liġi Spazjali tal-UE għandha tipprevedi wkoll miżuri ta' appoġġ li jiffaċilitaw l-aderenza tal-industrija spazjali mar-rekwiżiti obligatorji, pereżempju it-tisħiħ tal-kapaċitajiet, l-assistenza teknika, u l-appoġġ finanzjarju.

Fil-kuntest ġeopolitiku attwali, jeħtieġ li jissaħħaħ il-livell ta' protezzjoni u r-reżiljenza tas-sistemi spazjali b'mod konsistenti: l-operaturi kollha tas-satelliti fl-UE, is-segmenti kollha (tal-ispazju, tal-art u tal-kollegamenti tad-data), u l-assi kollha (kummerċjali, governattivi, ta' proprjetà tal-UE). Ir-regoli għandhom jiżguraw ċertezza legali komprensiva għall-atturi industrijali spazjali, u **r-reżiljenza u l-kompetittività** għandhom jimxu id fid.

L-atturi spazjali statali ewlenin fuq livell internazzjonali intensifikaw l-azzjoni regolatorja tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġestjoni tat-traffiku fl-ispazju u ċ-ċibersigurtà, u jimpenjaw ruħhom b'mod attiv biex isawru l-istandards internazzjonali rilevanti. Għalhekk, huwa importanti li tittieħed azzjoni malajr kemm jista' jkun biex jiġi żgurat li l-Industrija Spazjali tal-UE ma tiġix sfurzata ssegwi standards jew normi imposti minn ġurisdizzjonijiet oħra. L-azzjoni tal-Unjoni tippożizzjona lill-UE bħala attur internazzjonali kredibbli, inkluż fl-istabbiliment tan-normi u l-istandards tagħna.

Il-Ministri huma mistiedna jwieġbu l-mistoqsijiet li ġejjin:

### **Mistoqsijiet**

1. Kif jista' jiġi żgurat bl-aħjar mod li l-Liġi Spazjali tal-UE ssaħħaħ il-kompetittività tal-industrija spazjali tal-UE?
2. Kif nisfruttaw bl-aħjar mod il-Liġi Spazjali tal-UE biex insaħħu r-reżiljenza tas-sistemi spazjali?